MALTA

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 23 ta' Frar 2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Daryl Borg)**

**vs**

**Christopher Ellul**
**(ID: 280668M)**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Christopher Ellul** talli nhar l-1 ta' Awwissu 2016 fil-hinijiet ta' filghodu gewwa l-Belt Valletta u/jew f'inhawi f'dawn il-Gzejjer:

1. Ikkommetta attentat vjolenti ghall-pudur fuq il-persuna ta' Anna Magro u dan bi ksur tal-Artikolu 207 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Kif ukoll talli offenda l-pudur jew il-morali, b'ghemil li jsir f'lok pubbliku, jew f'lok espost ghall-pubbliku u dan bi ksur tal-Artikolu 209 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli gab ruhu b'mod illi ta fastidju lil Anna Magro meta kien jaf jew missu kien jaf illi l-agir tieghu kien qieghed johloq fastidju lil Anna Magro u dan bi ksur tal-Artikolu 251A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi irrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie misjub hati b'sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta` tal-persuna ta' Anna Magro bil-kundizzjonijiet li jidhrilha xieraq u dan ai terminu tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta et sequitur;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni;

Rat li l-imputat ammetta ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra l-ammissjoni tieghu;

Rat il-*pre-sentencing report* fir-rigward tal-imputat;

Semghet lill-Psikjatra Dr. Joseph Vella Baldacchino;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu pero` in vista tat-talba tad-difiza kif verbalizzata fis-seduta tal-2 t'Awwissu 2016 il-Qorti ordnat li jigi redatt rapport ta' qabel is-sentenza.

Illi mir-rapport ipprezentat mill-ufficjali tal-Probation Glen Grixti jirrizulta illi l-imputat ghandu storja kriminali twila li hafna minnha tirrigwrda reati ta' natura sesswali tax-xorta li bihom huwa gie akkuzat fil-proceduri odjerni. Ghal dawn ir-reati huwa nghata fil-maggor parti tal-kazijiet sentenzi ta' prigunerija effettiva.

Illi minkejja li l-imputat serva diversi perjodi ta' prigunerija effettiva, dan ma jirrizultax li tant serva bhala deterrent ghaliex baqa' jirrepeti l-istess reati, anke jekk din il-Qorti tirrikonoxxi li mill-2010 'l hawn il-kazijiet naqsu drastikament. Illi din il-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni x-xhieda tal-Psikjatra Dr. Joseph Vella Baldacchino li xehed li l-imputat jattendi ghal sessjonijiet ta' terapija dwar il-problemi li ghandu. Minkejja dan kollu, il-problema jirrizulta li ghadha hemm.

Illi fil-konkluzzjoni tieghu, l-ufficjal tal-Probation jirrakomanda illi l-imputat jigi moghti sentenza ta' prigunerija effettiva u kif ukoll l-ghajnuna necessarja biex jeghleb id-diffikultajiet tieghu u jonqos ir-riskju li jerga' jwettaq reati ohra fil-futur.

Illi min-naha l-ohra d-difiza ssottomettiet illi l-ahjar mod kif l-imputat jista' jinghata l-ghajnuna huwa billi jigi ordnat jaghmel xoghol fil-komunita`, apparti naturalment l-ghajnuna professjonali li ghandu bzonn.

Illi minn harsa lejn l-istorja ta' xoghol ipprezentata lill-ufficjal tal-Probation minn JobsPlus, jirrizulta illi l-imputat huwa ragel biezel u li nonostante d-diversi sentenzi ta' prigunerija li huwa nghata xorta baqa' jfittex u jsib ix-xoghol tant li prezentement huwa impjegat ma' Kumpanija privata bhala haddiem tas-sengha.

Illi ghalhekk din il-Qorti, meta tigi biex taghti l-piena, trid tara kif izzomm dak il-bilanc biex fuq naha wahda s-socjeta` tigi mharsa izda wkoll biex l-imputat jigi mghejjun jeghleb id-diffikultajiet tieghu filwaqt li bl-istess piena jifhem li ma jistghax jibqa' jikkommetti dawn it-tip ta' reati.

Illi din il-Qorti hasbet fit-tul dwar il-mod li bih ghandha titratta mal-imputat u wara li wieznet dak kollu li gie prodott quddiemha hija tal-fehma illi ghandha taghti lill-imputat opportunita` li jerga' jibda jkun segwit minn ufficjal tal-probation u li bl-ghajnuna ta' professjonisti ohra jindirizzaw id-diffikultajiet tieghu. Il-Qorti hija konxja li l-imputat ghandu fedina penali xejn felici pero` hija lesta li taghmel dan l-ahhar tentattiv biex l-imputat, filwaqt li jkompli fl-impjieg tieghu, jigi segwit b'mod strutturat sabiex jinghata l-ghajnuna mehtiega. Illi din il-Qorti qieghdha tispjega lill-imputat illi jekk huwa ma jaghrafx jiehu din l-**<u>opportunita` eccezzjonali</u>** li qieghdha tikkoncedilu din il-Qorti, allura ikun tassew jimmerita li jinzamm 'il boghod mis-socjeta'.

Illi finalment il-Qorti, meta se tippronunzja ruhha fuq il-htija tal-imputat, minkejja l-ammissjoni tieghu ghall-imputazzjonijiet kollha, mhux se ssibu hati tat-tielet imputazzjoni stante li minn kif jirrizulta mir-rapport tal-incident u mir-rapport tal-ufficjal tal-Probation, il-vittma Anna Magro qatt ma kellha problemi ohra mal-imputat u dakinhar tal-incident kienet l-ewwel darba li kellha l-inkwiet mieghu. Kif hu risaput, biex jissussisti r-reat ai termini tal-artikolu 251A tal-Kodici Kriminali irid ikun hemm "course of conduct", haga li f'dan il-kaz ma jirrizultax li kien hemm.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 49, 50, 207 u 209 tal-Kodici Kriminali qieghdha tiddikjara lil **Christopher Ellul** hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu hlief ghall-imputazzjoni numru tlieta (3) stante li mhix legalment sostenibbli u ghaldaqstant tilliberah minnha, u b'applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggi lill-imputat taht **Ordni ta' Probation** ghal perjodu ta' tliet (3) snin bil-kundizzjonijiet elenkati fl-ordni moghtija kontestwalment, liema ordni tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti, ai termini tal-artikolu 7(7) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tliet (3) snin u /jew jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet lilu moghtija.

Il-Qorti tordna li kopja tal-Ordni ta' Probation tigi moghtija minnufih lill-imputat u kopja ohra ghandha tigi notifikata minnufih lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole sabiex ikun jista' jassenja ufficjal tal-probation li jkun responsabbli ghas-sorveljanza tal-imputat.

In oltre l-Qorti qieghdha tohrog **Ordni ta' Protezzjoni** ai termini tal-artikolu 412C tal-Kodici Kriminali fil-konfront ta' Anna Magro u dan skond il-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Ai termini tal-artikolu 412D il-Qorti qieghdha tpoggi lill-hati taht **Ordni ta' Trattament** a tenur tal-artikolu 412D tal-Kodici Kriminali ghal zmien tliet (3) snin u dan bil-ghan li jigi mghejjun b'dak it-trattament necessarju kif jista' lilu jigi preskritt mil-professjonisti koncernati u dan skond il-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

**Dr. Charmaine Galea**
**Magistrat**

Diane Gatt
Deputat Registratur

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
(bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali)

**ORDNI TA' PROBATION**
*(MAGHMUL SKOND L-ARTIKOLU 7 TAL-KAPITOLU 446 TAL-LIGIJIET TA' MALTA)*

**Magistrat: DR. CHARMAINE GALEA LL.D.**

**Illum: ……………………………………..**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Daryl Borg)**
**vs**
**Christopher Ellul**
**(ID: 280668M)**

Il-Qorti,

Billi b'sentenza moghtija llum fl-ismijiet premessi, **Christopher Ellul** gie misjub hati kif imfisser fl-istess sentenza u gie mpoggi taht Ordni ta' Probation ai termini tal-Artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' *Probation*;

Wara li fissret lill-hati bi kliem car l-effett ta' din l-Ordni ta' *Probation* (inkluzi l-kondizzjonijiet addizzjonali specifikati hawn taht skond l-Artikolu 7(1) tal-Kap. 446) u illi jekk jonqos li jhares din l-Ordni jew jaghmel xi reat iehor matul il-perjodu ta' **tliet (3) snin**, ikun jista jigi kkundannat ghar-reat li ghalih qieghed tigi maghmula din l-Ordni, u illi l-hati wera li jrid ihares il-kondizzjonijiet ta' din l-Ordni ta' *Probation*;

Ghalhekk tordna li l-hati **Christopher Ellul** li joqghod **240, Triq Sant'Orsla, Valletta** detentur tal-karta tal-identita' numru **280668(M)** ikun ghal perjodu ta' **tliet (3) snin** millum taht is-sorveljanza ta' Ufficjal ta' Probation taht dawn il-kundizzjonijiet:

1. Li matul il-perjodu ta’ probation, il-hati ghandu jgib ruhu tajjeb, joqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer u jzomm dak il-kuntatt mehtieg u mitlub mill-Ufficjal tal-*probation* mahtur lilu.

2. L-Ufficjal tal-*probation* mahtur ghal dan l-iskop ghandhu/a j/tirraporta bil-miktib lil din il-Qorti bil-progress tal-hati kull sena.

3. Il-hati ghandu javza immedjatament lill-Ufficjal tal-probation b’kull bdil li talvolta jaghmel fl-indirizz residenzjali tieghu.

4. Li ghandu jzomm ruhu f’kuntatt ma’ l-ufficjal tal-Probation skond id- direttivi li jaghtih minn zmien ghall-iehor l-istess Ufficjal tal-Probation; u partikolarment li huwa ghandu, jekk l-Ufficjal tal-Probation ikun hekk irid, jircievi zjarat ta’ l-istess Ufficjal tal-Probation.

**TORDNA** li kopja ta’ din l-Ordni tinghata lil hati u lid-Direttur inkarigat mill-Ufficcju tal-*Probation Services* ai termini ta’ l-Artikolu 7(8) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

________________

**Christopher Ellul**

| | |
|---|---|
| **Diane Gatt**<br>**Deputat Reġistratur** | **Dr. Charmaine Galea LL.D.**<br>**Maġistrat** |

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**ORDNI TA’ PROTEZZJONI**
*(SKOND L-ARTIKOLU 412 Ċ TAL-KAP 9 TAL-LIĠIJIET TA’ MALTA)*

**MAĠISTRAT DR CHARMAINE GALEA LL.D.**

**ILLUM …………………………………..**

**PULIZIJA**
**(Spettur Daryl Borg)**

**Vs**

**Christopher Ellul**
**(ID: 280668M)**

Il- Qorti,

Wara li rat l-Artikolu 412 Ċ (4) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Tordna Ordni ta’ Protezzjoni kontra l-hati **Christopher Ellul** detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru **280668(M)** taħt il-kundizzjonijiet is-segwenti:

a) Tipprojbixxi jew tirrestrinġi l-hati milli javviċina jew b’xi mod isegwi l-movimenti ta’ **Anna Magro**.

b) Tipprojbixxi jew tirrestrinġi l-aċċess mill-hati, għal perjodu ta’ tlett (3) snin ġewwa l-fond fejn tirrisjedi, taħdem jew tiffrekwenta **Anna Magro** kif wkoll jekk l-akkużat ikollu xi interess legali f’dak il-fond;

c) Tipprojbixxi lill-hati milli jikkuntattja jew jimmolesta lil **Anna Magro.**

d) Din l-Ordni ta' Protezzjoni tibqa' fis-seħħ għal perjodu ta' tlett (3) snin millum.

e) Jekk mingħajr raġuni valida il-hati jikser xi projbizzjoni jew restrizzjoni imposta fuqu jista' jekk jinstab ħati jeħel multa ta' elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2, 329, 37) jew priġunerija ta' mhux iżjed minn sitt (6) xhur jew it-tnejn li huma.

**Christopher Ellul**

**Diane Gatt**
**Deputat Reġistratur**

**Dr. Charmaine Galea LL.D.**
**Maġistrat**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

**ORDNIJIET TA' TRATTAMENT**
(MAGĦMUL SKONT L-ART. 412 D TAL-KAP.9 TAL-LIĠIJIET TA' MALTA)

**Maġistrat: DR. CHARMAINE GALEA LL.D.**

**Illum: ……………………………………..**

**PULIZIJA**
**(Spettur Daryl Borg)**

**Vs**

**Christopher Ellul**
**(ID: 280668M)**

Il-Qorti,

Billi b'sentenza mogħtija llum, fl-ismijiet fuq premessi, **Christopher Ellul** ġie misjub ħati kif imfisser fl-istess sentenza u ġie mpoġġi taħt Ordni ta' Trattament ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' Trattament;

Wara li fissret lill-ħati bi kliem ċar l-effett ta' din l-Ordni ta' Trattament u illi jekk jonqos li jħares jew li milli jikkonforma ruħu ma' xi rekwiżit jew kondizzjoni tal-ordni sakemm dan l-Ordni jkun fis-seħħ, l-Qorti tista' twaħħal ammenda ta' mhux iżjed minn elf u mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69).

Wara illi l-ħati wera li jrid iħares il-kundizzjonijiet ta' din l-Ordni ta' Trattament;

Għalhekk, tordna li l-ħati **Christopher Ellul** li joqgħod **240, Triq Sant'Orsla, Valletta** detentur tal-karta tal-identita' numru **280668M** jitpoġġa taħt Ordni ta' Trattament għal perjodu ta' **tliet (3) snin** millum taħt il-kundizzjonijiet hawn taħt imsemmija:-

1. It-Trattament ghandu jkun sabiex il-ħati jagħraf jegħleb diffikultajiet priskoloġiċi jew psikjatriċi li jista' jkun maħkum minnhom u dan skont kif l-Uffiċjal tal-Probation maħtur jiddetermina fl-aħjar interess tal-ħati, u dan sabiex il-ħati jiġi analizzat u trattat għall-imġieba tieghu.

2. Li matul il-perjodu tal-Ordni ta' Trattament, l-ħati għandu jġib ruħu tajjeb, joqgħod għad-direttivi kollha tal-Uffiċjal tal-Probation u tal-Esperti li lilhom jista jiġi riferut minnu u jżomm dak il-kuntatt meħtieġ maghhom skont il-ħtieġa tal-każ u s-sitwazzjoni.

3. L-Uffiċjal tal-Probation maħtur għal dan l-iskop għandu jirraporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-ħati kull sena.

4. Il-ħati għandu javża immedjatament lill-Uffiċjal tal-Probation b'kull bdil li talvolta jagħmel fl-indirizz residenzjali tiegħu;

5. Li għandu jżomm ruħu f'kuntatt mal-Uffiċjal tal-Probation skont id-direttivi li jagħtih minn żmien għall-ieħor l-istess Uffiċċjal.

**TORDNA** li kopja ta' din l-Ordni tingħata lil ħati/ja u lid-Direttur inkarigat mill-Uffiċċju tal-*Probation Services* u lill-Psikjatra Dr. Joseph Vella Baldacchino.

***F'każ li dawn il-kundizzjonijiet ma jiġux segwiti, issir denunzja, mill-Uffiċċjal tal-Probation quddiem il-Qorti kkonċernata***.

**Christopher Ellul**

**Diane Gatt**
**Deputat Reġistratur**

**Dr. Charmaine Galea LL.D.**
**Maġistrat**